

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew L-Unjoni Doganali tittieħed għall-Livell li Jmiss: Pjan ta’ Azzjoni”

[COM(2020) 581 final]

(2021/C 220/07)

Relatur: **Anastasis YIAPANIS**

Konsultazzjoni	Kummissjoni Ewropea, 11.11.2020
Bażi legali	L-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum
Adottata fis-sezzjoni	2.3.2021
Adottata fil-plenarja	24.3.2021
Sessjoni plenarja Nru	559
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	259/0/6

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jilqa’ l-Pjan ta’ Azzjoni konkret ħafna għall-ħames snin li ġejjin biex jappoġġja lill-awtoritajiet doganali nazzjonali. Ladarba jiġi implimentat, b’valutazzjonijiet tal-impatt regolari, dan se jwassal għal modernizzazzjoni reali tad-dwana fl-UE.

1.2. Għalkemm il-modernizzazzjoni bdiet fl-2016 bl-introduzzjoni tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (KDU) ⁽¹⁾, żviluppi riċenti bħal flussi kummerċjali li qed jiżdiedu, settur tal-kummerċ elettroniku li qed jirnexxi, dazji doganali u evitar tal-VAT, kummerċ illegali u sottovalutazzjoni tal-merkanzija kollha jeħtieġu rispons immedjat u kkoordinat. Il-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Doganali diġà qed joħloq volum akbar ta’ xogħol u sfidi partikolari għall-awtoritajiet doganali.

1.3. Pjan ambizzjuż bħal dan jeħtieġ finanzjament kondiviż adegwat. Il-KESE mhux iktar jekk l-Istati Membri kollha humiex lesti li jħaddnu l-iskeda ta’ żmien proposta u jpoġġu s-sehem ta’ flus tagħhom fuq il-mejda.

1.4. Kooperazzjoni u interoperabbiltà mtejbja bejn id-dwana u l-awtoritajiet u l-amministrazzjonijiet l-oħra tal-infurzar tal-liġi huma meħtieġa minnufih. Il-kondiviżjoni tal-aħjar Prattika tista’ ttejjeb ukoll il-produttività tas-servizzi doganali, filwaqt li ġestjoni xierqa tal-ammont kbir ta’ data disponibbli tista’ tippermetti li tiġi stabbilita superviżjoni intelliġenti tal-ktajjen tal-provvista u ssaħħaħ il-kapaċitajiet ta’ previżjoni.

1.5. L-awtoritajiet doganali għandhom jiġu pprovduti b’riżorsi adegwati għar-responsabbiltajiet mhux finanzjarji kollha, filwaqt li għandhom jiġu introdotti standards minimi għall-kontroll u għall-għadd ta’ persunal meħtieġ. Il-KESE jqis li huwa estremament importanti li jiġu adottati atti ta’ implimentazzjoni għar-regolamentazzjoni tas-sorveljanza tas-suq ⁽²⁾ mill-aktar fis possibbli.

1.6. Il-proċess ta’ approvazzjoni estremament twil għall-QFP li jmiss u d-diffikultajiet għall-mexxejja tal-UE-27 biex jaqblu dwar azzjonijiet importanti ħafna qed jipperikolaw kemm l-irkupru xieraq tal-ekonomija tal-UE kif ukoll l-appoġġ immedjat meħtieġ kemm miċ-ċittadini kif ukoll min-negozji.

1.7. Il-KESE jirrakkomanda li tiġi esplorata minnufih l-introduzzjoni ta’ teknoloġija blockchain fil-pjan ta’ azzjoni propost. Barra minn hekk, il-progress teknoloġiku u s-soluzzjonijiet innovattivi eżistenti li għandhom ir-robotika u l-intelliġenża artifiċjali jistgħu jiġu implimentati faċilment b’riżultati immedjati u rilevanti.

⁽¹⁾ ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 169, 25.6.2019, p. 1.

1.8. Il-KESE jissuġġerixxi li tingħata attenzjoni speċjali lill-aktar punti ta' dħul u ħruġ vulnerabbli u japprezza li s-saħħa tal-Unjoni Doganali hija ddeterminata mill-aktar punt dgħajef tagħha. Sistema ta' ġestjoni tar-riskju konformi, aktar ikkoordinata u integrata tnaqqas id-diskrepanzi bejn l-awtoritajiet u ssaħħaħ l-aktar punti dgħajfa fil-katina. Għalhekk, l-istrateġija l-ġdida għall-ġestjoni tar-riskju mħabbra għat-tieni trimestru tal-2021 għandha tiġi milqugħa.

1.9. Għandhom jiġu pprovduti riżorsi finanzjarji speċifiċi għall-interkonnessjoni tal-ICS2 ma' sistemi elettroniċi oħra. Il-KESE jenfasizza l-importanza ta' ġestjoni adatta ta' network daqstant kumpless.

1.10. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li jiġu żgurati biżżejjed riżorsi umani, kif ukoll taħriġ xieraq għal dan il-persunal fl-implimentazzjoni tal-analitika tad-data qabel ma titniżżel u tasal. Diġà talab li jiġu *żviluppatti oqfsa komuni ta' taħriġ ibbażati fuq il-Qafas ta' Kompetenza Doganali tal-Unjoni Ewropea* ⁽³⁾.

1.11. Il-ħolqien ta' ċentru tal-UE għal informazzjoni dwar it-taxxa fi ħdan is-servizzi tal-Eurofisc ta' kontra l-frodi tat-taxxa huwa titjib sinifikanti, u l-KESE qed jistenna bil-ħerqa l-valutazzjoni tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward.

1.12. Il-kummerċ elettroniku huwa settur importanti ħafna għall-SMEs. Il-KESE jinsab imħasseb li l-komunikazzjoni ma ssemmi xejn dwar il-ħolqien ta' qafas favorevoli għall-SMEs permezz ta' dan il-pjan ta' azzjoni ambizzjuż.

1.13. Il-KESE jqis li l-pjattaformi għandhom data importanti li d-dwana tista' tuża, iżda jkollha bżonn tagħmel investiment speċifiku f'software tal-IT bħal sistemi robotiċi awtomatizzati. Dawn għandhom jiġu pprovduti b'finanzjament għall-ġbir ta' data li kieku ma kinux ikunu jeħtieġu. Madankollu, il-KESE jilqa' r-reviżjoni attwali tal-Kummissjoni tar-rwol u l-obbligi tal-postijiet tas-suq online.

1.14. Hija meħtieġa malajr analiżi komprensiva tas-sistemi internazzjonali ta' kooperazzjoni u assistenza amministrattiva reċiproka tal-Unjoni fi kwistjonijiet doganali. Dan iwassal għal infurzar aħjar.

1.15. Il-KESE jilqa' l-proposta li jiġi implimentat l-ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE u jesprimi l-appoġġ sħiħ tiegħu għal dan.

1.16. Il-KESE jinsab imħasseb li, fil-każ li l-proposta kontroversjali għal proġett ta' Aġenzija Doganali tal-UE ma tiġix approvata mill-Istati Membri, il-ġestjoni ta' sistema daqstant kumplessa u interkonnessa bħal din se tpoġġi piż ulterjuri fuq id-dipartimenti tal-Kummissjoni.

1.17. Il-KESE jemmen bis-sħiħ li l-involviment tal-imsieħba soċjali u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili se jgħin fl-implimentazzjoni ta' Pjan ta' Azzjoni ambizzjuż bħal dan, u fl-istess ħin jiżgura distribuzzjoni wiesgħa tal-benefiċċji li jiġib miegħu kemm għall-pubbliku kif ukoll għan-negozji.

2. Introduzzjoni

2.1. L-Unjoni Doganali tal-EU ilha teżisti mill-1968 u tieħu ħsieb il-kummerċ kollu ta' merkanzija fis-27 Stat Membru. Kull sena, l-Unjoni Doganali tiffaċilita l-kummerċ f'aktar minn EUR 3,5 triljun ta' merkanzija, filwaqt li kull sekonda, l-awtoritajiet doganali tal-UE jittrattaw 27 oġġett iddikjarat.

2.2. Fit-28 ta' Settembru 2020, wara l-linji gwida politiċi mħabbra mill-President tal-Kummissjoni von der Leyen fil-bidu tal-mandat tagħha, il-Kummissjoni Ewropea (KE) ppubblikat pjan ta' azzjoni ambizzjuż biex taġġorna l-Unjoni Doganali billi tagħmilha aktar intelliġenti, aktar sempliċi u aktar diġitalment effettiva sal-2025. Dan ikollu impatt pożittiv kemm fuq id-dħul tal-UE kif ukoll fuq is-sigurtà u s-sikurezza taċ-ċittadini Ewropej. Barra minn hekk, in-negozji jibbenefikaw minn obbligi ta' rapportar aktar sempliċi u rapidi.

⁽³⁾ Opinjoni tal-KESE dwar l-istabbiliiment tal-istrument ta' appoġġ finanzjarju għat-tagħmir ta' kontroll doganali bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri (ĠU C 62, 15.2.2019, p. 67).

2.3. Il-KESE diġà sstollinja li “*unjoni doganali effiċjenti hija ‘conditio sine qua non’ tal-proċess ta’ integrazzjoni Ewropea, biex tiżgura moviment liberu effiċjenti, sigur u trasparenti tal-merkanzija; bl-ogħla livell ta’ ħarsien tal-konsumaturi u tal-ambjent, bl-aħjar impjegi, u bi għieda effettiva kontra l-frodi u l-falsifikazzjoni*”⁽⁴⁾.

2.4. Għalhekk, il-KESE jilqa’ dan il-pjan ta’ azzjoni konkret ħafna għall-5 snin li ġejjin, bi 30 azzjoni ppjanata u skedata taħt erba’ intestaturi ta’ politika strateġiċi biex jappoġġjaw lill-awtoritajiet doganali nazzjonali: il-ġestjoni tar-riskju, il-ġestjoni tal-kummerċ elettroniku, promozzjoni tal-konformità u l-awtoritajiet doganali li jaġixxu f’daqqa.

2.5. Is-sistema doganali attwali wriet nuqqasijiet u punti dgħajfa, filwaqt li l-ammont kbir ta’ data kondiviża minn dwana għal oħra bejn l-Istati Membri kollha ma jintużax b’mod effiċjenti. Il-Parlament Ewropew u l-Qorti Ewropea tal-Awdituri diġà esprimew it-tħassib tagħhom dwar it-telf ta’ dħul minħabba kontrolli doganali ineffettivi fuq oġġetti importati.

2.6. Id-dazji doganali jirrappreżentaw parti importanti mill-baġit tal-UE, li jammonta għal madwar 14 % tad-dħul totali. L-Uffiċċju Ewropew ta’ Kontra l-Frodi (OLAF) irrapporta li l-frodi doganali huwa mifrux u rakkomanda l-irkupru ta’ aktar minn EUR 2,7 biljun f’dazji doganali għall-perjodu 2017-2019. Prodotti importati ffalsifikati minn pajjiżi terzi huma stmati għal EUR 121 biljun fis-sena, filwaqt li l-ksur ta’ proprjetà intellettuali jiġġenera aktar minn EUR 83 biljun f’bejgħ u jikkawża telf ta’ EUR 15-il biljun fi dħul mit-taxxa.

2.7. Mil-lat pożittiv, kważi 100 % tad-dikjarazzjonijiet doganali jintbagħtu elettronikament.

3. Kummenti ġenerali

3.1. L-Unjoni Doganali teħtieġ investiment rapidu għal aġġornament ikkoordinat kemm tas-software kif ukoll tal-kapaċitajiet umani. Għalkemm il-modernizzazzjoni bdiet fl-2016 bl-introduzzjoni tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni⁽⁵⁾, il-flussi kummerċjali li qed jiżdiedu, settur tal-kummerċ elettroniku li qed jirnexxi, id-dazju doganali u l-evitar tal-VAT, il-kummerċ illegali u s-sottovalutazzjoni tal-merkanzija kollha jeħtieġu rispons immedjat u kkoordinat. Barra minn hekk, id-dwana hija responsabbli għall-verifika ta’ merkanzija għal ħafna skopijiet mhux finanzjarji. Il-KESE japprezza li s-saħħa tal-Unjoni Doganali hija ddeterminata mill-aktar punt dgħajf tagħha u għalhekk jissuġġerixxi li tingħata attenzjoni speċjali lill-aktar punti ta’ dħul u ħruġ vulnerabbli. L-Istati Membri għandhom jagħmlu użu sħiħ mill-Istrument il-ġdid għat-Tagħmir ta’ Kontroll Doganali, li huwa mfassal speċifikament biex jgħin fix-xiri, fil-manutenzjoni u fis-sostituzzjoni ta’ tagħmir doganali mill-aktar avvanzat.

3.2. Il-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Doganali diġà qed joħloq volum akbar ta’ xogħol u sfidi partikolari għall-awtoritajiet doganali. L-għadd ta’ dikjarazzjonijiet doganali huwa mistenni li jikber b’mod sinifikanti, flimkien mal-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontrolli doganali.

3.3. Kooperazzjoni u interoperabbiltà mtejbja bejn id-dwana u l-awtoritajiet u l-amministrazzjonijiet l-oħra tal-infurzar tal-liġi huma meħtieġa minnufih. Il-KESE diġà wissa li “*l-kooperazzjoni bejn id-diversi awtoritajiet u istituzzjonijiet fl-Istati Membri il-pulizija, l-intelliġenza, u l-awtoritajiet ġudizzjarji, doganali u tat-taxxa hija ‘l bogħod milli tkun waħda ottima’*”⁽⁶⁾.

3.4. Id-dwana hija involuta ħafna fil-għieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata. Fl-2019 biss, id-dwana ssekwestrat 400 tunnellata ta’ drogi, 3 699 arma tan-nar u 3,5 biljun oġġett ta’ tabakk u sigaretti. 11,5 % tad-dikjarazzjonijiet kollha tal-flus kienu żbaljati, li jammontaw għal madwar EUR 331 miljun⁽⁷⁾.

3.5. Il-ġestjoni tad-data hija estremament importanti għal settur li jgawdi minn kwantitajiet kbar ta’ dikjarazzjonijiet, informazzjoni dwar il-prodott, taxxi eċċ. Il-kontroll tal-ammont kbir ta’ data disponibbli jirrappreżenta titjib immedjat u kbir fuq is-sistema doganali attwali u jiffaċilita wkoll rispons aħjar u konklużiv għall-isfidi dejjem akbar. Dan iwassal ukoll għal superviżjoni intelliġenti tal-ktajjen tal-provvista u kapaċitajiet ta’ previżjoni aqwa.

⁽⁴⁾ ĠU C 367, 10.10.2018, p. 39.

⁽⁵⁾ ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1.

⁽⁶⁾ ĠU C 246, 28.7.2017, p. 22.

⁽⁷⁾ It-tieni Rapport Biennali dwar il-Progress fl-Iżvilupp tal-Unjoni Doganali tal-UE u l-Governanza tagħha.

3.6. Il-KESE huwa pjuttost diżappuntat li, fl-aħħar sentenza tal-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni stiednet BISS lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jappoġġjaw dan il-pjan ta' azzjoni, u ma inkludiet imkien lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew. Hija l-fehma soda tagħna li l-involvement tal-imsieħba soċjali u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili ser jgħin fl-implimentazzjoni ta' pjan ta' azzjoni ambizzjuż bħal dan, u fl-istess ħin jiżgura tixrid wiesa' ta' benefiċċji li jgħib miegħu kemm lill-pubbliku kif ukoll lin-negozji.

4. Kummenti speċifiċi

4.1. Mill-bidu nett, il-KESE japprezza l-pjan direzzjonali ambizzjuż u l-iskadenzi konkreti għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet. Dan huwa pass ċar 'il quddiem u ladarba jiġi implimentat u flimkien ma' valutazzjonijiet tal-impatt regolari, se jwassal għall-modernizzazzjoni reali tad-dwana madwar l-UE.

4.2. Pjan ambizzjuż bħal dan jeħtieġ finanzjament adegwat. Filwaqt li xi wħud mill-azzjonijiet proposti jeħtieġu finanzjament kondiviż, u l-fatt li l-UE lesta tagħmel il-parti tagħha, il-KESE jistaqsi jekk l-Istati Membri kollha humiex lesti li jħaddnu l-iskeda ta' żmien proposta u jpoġġu s-sehem ta' flus tagħhom fuq il-mejda. Finanzjament u implimentazzjoni kkoordinati bir-reqqa biss jistgħu jiżguraw is-suċċess tal-proposta.

4.3. Madankollu, l-UE wriet li għandha strutturi fraġli u tat prova ta' risposti mdewma u mhux ikkoordinati f'sitwazzjonijiet kritiċi, inkluża l-pandemija tal-COVID-19. Is-sejħa mill-President Franċiż Emmanuel Macron għar-riorganizzazzjoni taż-Żona Schengen u t-talba tiegħu biex jiġi analizzat mill-ġdid il-moviment liberu tal-persuni fl-Unjoni huma serji daqs kemm huma ta' tħassib.

4.4. Barra minn hekk, il-proċess ta' approvazzjoni twil iżżejjed għall-QFP li jmiss qed jipperikola l-irkupru kif imiss tal-ekonomija tal-UE u l-appoġġ immedjat meħtieġ kemm mill-pubbliku kif ukoll min-negozji. Jidher dejjem aktar ikkumplikat għall-mexxejja tal-EU-27 li jaqblu dwar azzjonijiet importanti ħafna, filwaqt li t-tul u n-natura indeċiżiva tas-soluzzjonijiet juru li s-sistema ta' governanza tal-UE għadda żmienha u hija ineffiċjenti.

4.5. Għalkemm diġà ġiet diskussa u analizzata fl-2018, il-proposta attwali ma tinkludi l-ebda użu ta' teknoloġija blockchain. Il-KESE jqis li s-sistema doganali għandha l-istruttura ideali biex tħaddan dawn l-iżviluppi u jirrakkomanda li tiġi esplorata minnufih l-introduzzjoni ta' teknoloġija blockchain fil-pjan ta' azzjoni propost.

4.6. Il-KESE jinnota wkoll li ma hemm l-ebda tip ta' analiżi fl-użu possibbli tar-robotika u l-intelliġenza artifiċjali għall-aġġornament tal-operazzjonijiet doganali. Huwa jemmen li l-progress teknoloġiku u s-soluzzjonijiet innovattivi eżistenti li għandhom ir-robotika u l-intelliġenza artifiċjali jistgħu jiġu implimentati faċilment fi pjan ta' azzjoni daqstant kumpless, b'riżultati immedjati u rilevanti.

4.7. Ġestjoni tar-riskju

4.7.1. Minn mindu ġew introdotti l-emendi tas-sigurtà għall-Kodiċi Doganali Komunitarju fl-2005, l-UE qed ttwettaq attivitajiet ta' ġestjoni tar-riskju bbażati fuq żewġ linji ta' difiża: billi tevalwa bil-quddiem u tikkontrolla qabel u wara li l-merkantizja tidħol fit-territorju doganali. Il-KESE jqis li l-akbar sfida tqum mill-applikazzjoni mhux ikkoordinata tal-proċeduri fl-Istati Membri u n-nuqqas ta' informazzjoni li qed tiġi kondiviża bejn il-pajjiżi. L-iżgurar ta' sistema ta' ġestjoni tar-riskju konformi, aktar ikkoordinata u integrata se tnaqqas id-diskrepanzi bejn l-awtoritajiet u ssaħħa l-iżjed punti dgħajfa tal-katina. Għalhekk, l-Istrateġija l-ġdida għall-Ġestjoni tar-Riskju mħabbra għat-tieni trimestru tal-2021 hija promettenti ħafna.

4.7.2. Id-diġitalizzazzjoni u ż-żieda fil-kummerċ elettroniku jagħmluha aktar faċli għall-konsumaturi biex jixtru online minn madwar id-dinja kollha. Madankollu, mhux il-prodotti kollha jikkonformaw mal-istandards għoljin Ewropej għas-sikurezza tal-prodotti u/jew għall-protezzjoni tal-konsumatur. Dan spiss ikun ta' sorpriża għall-konsumaturi. Il-KESE jilqa' l-għan li jissaħħaħ il-proċess tal-ġestjoni tar-riskju sabiex jiġi protett aħjar is-suq uniku u speċjalment iċ-ċittadini tiegħu minn prodotti mhux konformi u mhux sikuri.

4.7.3. Il-proposta għat-tnedija ta' Inizjattiva tal-Kapaċitajiet Analitiċi Konġunti hija bla dubju pass 'il quddiem. Il-kondiviżjoni tad-data mal-awtoritajiet tal-infurzar kontra l-frodi għandha tintlaqa' wkoll. Madankollu, il-KESE jistaqsi jekk il-finanzjament meħtieġ huwiex se jkun disponibbli għall-interkonnessjoni tal-ICS2 ma' sistemi elettroniċi oħra. It-tħassib immedjat li jmiss huwa relatat mal-ġestjoni ta' network daqstant kumpless u r-riżorsi umani meħtieġa speċjalizzati u mħarrġa kif xieraq.

4.7.4. Barra minn hekk, il-KESE jinsab imħasseb li, fil-każ li l-proġett ta' Aġenzija Doganali tal-UE ġdida ma jiġix approvat mill-Istati Membri, il-ġestjoni ta' sistema daqstant kumplessa u interkonnessa tpoġġi piż ulterjuri fuq id-dipartimenti eżistenti tal-Kummissjoni.

4.7.5. Il-KEE pproponiet l-implimentazzjoni tal-analitika tad-data qabel ma titniżżel u tasal għall-prodotti kollha u l-mezzi kollha ta' trasport sal-2024. Madankollu mhuwiex ċar liema tip ta' riżorsi umani se jkunu meħtieġa f'kull Stat Membru jew il-livell u t-tul tat-taħriġ meħtieġ għat-tali persunal. L-istess jgħodd għall-proċess ta' ġestjoni tar-riskju addizzjonali li huwa ppjanat għall-proċeduri ta' "wara l-wasla". Il-KESE diġà talab *oqfsa ta' taħriġ komuni bbażati fuq il-"Qafas tal-kompetenzi tad-dwani tal-UE"*, li għandu l-għan li jarmonizza u jgħolli l-istandards tal-prestazzjoni doganali madwar l-UE ⁽⁸⁾.

4.8. Ġestjoni tal-kummerċ elettroniku

4.8.1. Il-kummerċ elettroniku ġab benefiċċji u opportunitajiet importanti kemm għall-pubbliku kif ukoll għan-negozji. Madankollu, dan iżid sfidi sinifikanti f'termini ta' konformità fiskali u doganali għal oġġetti negozjati u wkoll fir-rigward tan-numru kbir ta' talbiet ta' awtorizzazzjoni għal firxa wiesgħa ta' kontrolli għal skopijiet mhux finanzjarji, inklużi s-sikurezza, is-sigurtà u l-proprjetà intellettwali. Il-KESE jagħraf ir-rwol sinifikanti tal-awtoritajiet doganali fil-prevenzjoni ta' prodotti mhux konformi u/jew mhux sikuri milli jidhru fis-suq uniku, u jikkonkludi li dawn l-awtoritajiet jeħtieġ li jiġu pprovduti b'riżorsi adegwati anke għar-responsabbiltajiet mhux finanzjarji kollha.

4.8.2. L-implimentazzjoni tal-pakkett tal-VAT dwar il-kummerċ elettroniku ⁽⁹⁾ fl-2021 hija mistennija li ġġib dħul sinifikanti għall-baġit tal-Istati Membri u tiġġenera kundizzjonijiet ekwi għall-ambjent tan-negozju. Il-ħolqien ta' ċentru tal-UE għal informazzjoni dwar it-taxxa fi ħdan is-servizzi tal-Eurofisc ta' kontra l-frodi tat-taxxa huwa meqjus bħala titjib sinifikanti biex jiġi pprovdut aċċess għall-informazzjoni għall-awtoritajiet doganali. Il-KESE qed jistenna bil-ħerqa l-valutazzjoni tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward.

4.8.3. Il-KESE jqis li l-aħjar mod kif jiġi rregolat u ġestit il-kummerċ elettroniku huwa permezz ta' kooperazzjoni msaħħa ma' pajjiżi oħra fi ħdan l-OECD u l-G20. Huwa diġà ġibed l-attenzjoni li l-politiki fiskali li għandhom jiġu applikati għad-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija u għall-iżvilupp ta' għodod u soluzzjonijiet operattivi għandhom jiġu kkoordinati fil-livell internazzjonali ⁽¹⁰⁾.

4.8.4. Il-kummerċ elettroniku huwa settur importanti ħafna għall-SMEs. Madankollu, il-kummerċ transfruntier diġà huwa frammentat minħabba diversi ostakli eżistenti u l-KEESE jinsab imħasseb li l-Komunikazzjoni ma tagħmel l-ebda referenza għall-ħolqien ta' qafas favorevoli għall-SMEs permezz ta' dan il-pjan ta' azzjoni ambizzjuż. Skont l-Ewrobarometru ta' Settembru, 4 % biss tal-SMEs ibiġhu l-prodotti tagħhom lill-konsumaturi fi Stati Membri oħra ⁽¹¹⁾.

4.8.5. Il-proposta li jiġu imposti obbligi ta' rapportar doganali fuq il-pjattaformi potenzjalment tista' tkun ta' piż għal negozji leġittimi. Il-pjattaformi għandhom data importanti li d-dwana tista' tuża, iżda jeħtieġ li jagħmlu investment speċifiku fis-software tal-IT li jista' jiġbor u jipprovi din id-data. L-użu ta' sistemi robotiċi awtomatizzati għandu jiġi esplorat minnufih, peress li dawn jistgħu jkunu impazzabbli fit-tħaffif tal-proċess tal-obbligu ta' rapportar. Barra minn hekk, il-KEESE jqis li dawn il-kumpaniji għandhom jiġu pprovduti b'finanzjament meħtieġ jekk jintalbu jiġbru data li kieku ma jkollhomx b'żonn. Il-ġestjoni ta' din id-data hija estremament importanti biex jiġu indirizzati frodi doganali u tal-VAT, sottovalutazzjoni, dikjarazzjonijiet tal-orijini foloz eċċ. Il-KEESE diġà talab l-iżvilupp ta' *standard Ewropew għall-ġbir tad-data u l-informazzjoni dwar l-utenti tal-pjattaformi diġitali*, li għandhom jiġu kkomunikati ⁽¹²⁾.

4.8.6. Madankollu, il-KEESE jilqa' r-reviżjoni attwali tal-Kummissjoni tar-rwol u l-obbligi tal-postijiet tas-suq online, li għandu jkollhom aktar obligazzjonijiet u responsabbiltajiet meta jiġu biex jivverifikaw li l-oġġetti mibjugħa fuq il-pjattaformi tagħhom huma konformi u sikuri.

⁽⁸⁾ ĠU C 62, 15.2.2019, p. 67.

⁽⁹⁾ Il-modernizzazzjoni tal-VAT għall-kummerċ elettroniku transfruntier.

⁽¹⁰⁾ ĠU C 364, 28.10.2020, p. 62.

⁽¹¹⁾ Flash Eurobarometer 486.

⁽¹²⁾ ĠU C 364, 28.10.2020, p. 62.

4.9. Promozzjoni tal-konformità

4.9.1. In-negozjanti fdati diġà jiġu kkompensati bi skema ta' benefiċċju għall-konformità tagħhom mal-leġiżlazzjoni doganali tal-UE. Il-KESE jappoġġja l-monitoraġġ propost tal-ftehimiet preferenzjali eżistenti ma' pajjiżi terzi; analiżi komprensiva tas-sistemi internazzjonali ta' kooperazzjoni u assistenza amministrattiva reċiproka tal-UE fi kwistjonijiet doganali twassal għal infurzar aħjar.

4.9.2. Il-proposta biex tiġi implimentata s-sistema tat-Tieqa Unika tal-UE hija proġett fejn jirbaħ kulħadd u l-KESE jesprimi l-appoġġ sħiħ tiegħu. Is-settur privat għandu jgawdi minn possibbiltà ta' rapportar ta' azzjoni waħda, filwaqt li awtoritajiet differenti għandhom ikunu jistgħu jagħżlu d-data meħtieġa. Dan huwa pass ċar 'il quddiem għall-partijiet kollha involuti u huwa mistenni li jiġu ffrankati sa EUR 690 miljun f'amministrazzjoni doganali għan-negozji matul l-ewwel seba' snin ta' implimentazzjoni.

4.9.3. Madankollu, huwa pjuttost diffiċli li wieħed jifhem kif l-analiżi proposta tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni tista' tissuġġerixxi li s-sistemi elettroniċi għadda żmienhom, inqas minn erba' snin wara l-adozzjoni tal-proposta.

4.9.4. Is-sanzjonijiet frammentati ta' nuqqas ta' konformità applikati fl-Istati Membri jgħolqu distorsjonijiet kompetittivi tas-Suq Uniku, filwaqt li jikxfu punti aktar dgħajfa fi ħdan is-sistema. Il-ħolqien ta' qafas sod u uniformi kieku jsaħħaħ l-Unjoni Doganali kollha kemm hi. Għalkemm eċċellenti fit-teorija, il-KESE jistaqsi kif il-KE qed tippjana li tintegra dan, peress li l-proposta tal-2013 dwar l-istess suġġett ġiet miċħuda.

4.9.5. Barra minn hekk, huwa diffiċli li jkun hemm l-istess livell ta' kontroll jekk in-numru ta' uffiċjali doganali jvarja bejn 7 u 70 għal kull 100 000 abitant, skont l-Istat Membru kkonċernat⁽¹³⁾. Il-KESE jirrakkomanda ż-żieda ta' standards minimi għall-kontroll u għan-numru ta' persunal meħtieġ.

4.9.6. Il-kriżi tal-COVID-19 żvelat in-nuqqasijiet tas-sistema doganali, b'diversi każijiet ta' prodotti mhux konformi u mhux sikuri li jsibu ruħhom fl-UE. Il-KESE jqis li huwa importanti ħafna li jiġu adottati atti ta' implimentazzjoni għar-regolamentazzjoni tas-sorveljanza tas-suq⁽¹⁴⁾ mill-aktar fis possibbli.

4.9.7. Barra minn hekk, il-KESE jappoġġja l-proposta li tingħata attenzjoni speċjali għall-applikazzjoni tar-regoli u l-proċeduri tal-orijini preferenzjali għall-41 Ftehim ta' Kummerċ Ħieles tal-UE. Fir-rigward ta' msieħba kummerċjali oħra, speċjalment iċ-Ċina, it-tkabbir esponenzjali tal-kummerċ elektroniku żied mal-isfidi eżistenti għad-dwana. Għalhekk, it-tħassib perfettament normali li jiġu vvalutati u leġislati fejn meħtieġ.

4.10. L-awtoritajiet doganali li jaġixxu bħala entità waħda

4.10.1. L-analiżi turi li l-kooperazzjoni transfruntiera tista' titejjeb b'mod sinifikanti. Il-KESE japprezza li l-unika triq 'il quddiem hija li tiġi żgurata kooperazzjoni akbar u aqwa bejn l-awtoritajiet doganali minn Stati Membri differenti u bejn l-awtoritajiet doganali u awtoritajiet nazzjonali oħra. Il-kondiviżjoni tal-aħjar prattika tista' ttejjeb ukoll il-produttività tas-servizzi doganali.

4.10.2. Hemm bżonn ta' investiment sinifikanti biex jinxtara t-tagħmir meħtieġ għall-kontroll doganali biex din il-kooperazzjoni tissarraf fil-prattika. Il-KESE jinnota li, fil-proposta oriġinali⁽¹⁵⁾, il-Kummissjoni qablet li tkopri biss 80 % tal-investiment meħtieġ. L-20 % li jifdal għandhom jitħallsu mill-Istati Membri; minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja li jinsabu fiha dawn il-pajjiżi minħabba l-pandemija tal-COVID-19, il-KESE mhu qed jistenna li s-27 Stat Membru kollha se jkunu jistgħu jinvestu dawn l-ammonti fl-2021.

4.10.3. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni qiegħda tressaq b'mod kuraġġuż il-proposta kontroversjali li sal-2023 tħejji valutazzjoni tal-impatt dwar il-ħolqien ta' Aġenzija Doganali tal-UE. Il-KESE jiddubita li l-Istati Membri se jaqblu dwar dan.

Brussell, l-24 ta' Marzu 2021.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

⁽¹³⁾ Stħarriġ mill-Unjoni tal-Persunal tal-Finanzi fl-Ewropa.

⁽¹⁴⁾ ĠU L 169, 25.6.2019, p. 1.

⁽¹⁵⁾ COM(2018) 321 final.